



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

5.5.2010

0034/2010

## **DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB**

imressqa skont l-Artikolu 123 tar-Regoli ta' Proċedura

dwar it-twaqqif tat-22 ta' Mejju bħala l-Jum Ewropew dwar l-Obežitā

**Kyriacos Triantaphyllides, Cristian Silviu Bușoi, Miroslav Mikolášik, Jo Leinen, Jill Evans**

Data ta' skadenza: 9.9.2010

**Dikjarazzjoni bil-miktub dwar it-twaqqif tat-22 ta' Mejju bħala l-Jum Ewropew dwar l-Obeżità**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-Karta Ewropea dwar il-Ġlieda kontra l-Obeżità, adottata mill-Uffiċju Reġjonali tad-WHO fl-2006,
  - wara li kkunsidra l-White Paper tal-Kummissjoni tat-30 ta' Mejju 2007 intitolata "Strateġija għall-Ewropa dwar kwistjonijiet ta' saħħha marbuta man-Nutriment, il-Piż Żejjed u l-Obeżità (COM(2007)0279),
  - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Settembru 2008 dwar il-White Paper dwar kwistjonijiet ta' saħħha marbuta man-nutriment, il-piż żejjed u l-obeżità (2007/2285(INI)),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 123 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħi,
1. Jiddeplora l-fatt li l-livelli tal-piż-żejjed/tal-obeżità għadhom qed jikbru b'rata allarmanti, partikolarmen fost it-tfal;
  2. Itenni li l-piż-żejjed/l-obeżità hija marda kronika li tirrappreżenta wkoll fattur ta' riskju prinċipali għal mard kroniku ieħor inkluż id-dijabete, il-mard kardjovaskulari u ċerti tipi ta' kanċer;
  3. Jistieden lill-Kummissjoni biex tħaddan ir-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew dwar il-piż-żejjed/ l-obeżità biex jiżguraw li dawk li jbatu minn din il-kundizzjoni ma jiġux stigmatizzati, diskriminati jew marġinalizzati u li dawn jingħataw il-kunfidenza biex jindirizzaw il-problema tal-piż tagħhom;
  4. Jistieden lill-Kummissjoni biex tiffaċilita t-taħrif ta' professjonisti tal-kura tas-saħħha biex jikkuraw individwi b'piż-żejjed/b'obeżità u tiżgura li dawn jirċievu livell ta' kura ottimali, kemm f'termini ta' trattament bbażat fuq l-evidenza u l-prevenzjoni;
  5. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex formalment jirrikonox Xu t-22 ta' Mejju bħala l-Jum Ewropew dwar l-Obeżità biex titqajjem kuxjenza dwar il-bżonn li dawk li jfasslu l-politika jieħdu azzjoni fuq kull livell;
  6. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħi biex jgħaddi din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji, lill-Kummissjoni u lill-Parlamenti tal-Istati Membri.